Maltese Literature Group Inc.
Grupp Letteratura Maltija Ink.
Incorporation No. A8686H
*Kull korrispondenza għandha tintbagħat lis-Segretarju f'dan l-indirizz:*
**MLG, 477 Royal Parade, Parkville, Victoria 3052**

# FOLJU T'AĦBARIJIET
## Numru 215 :: APRIL 2014

**Editur: Paul Vella**
paul.vella44@gmail.com

## IL-LAQGĦA TAL-MEMBRI LI TMISS

Minħabba li l-aħħar Ġimgħa t'April taħbat l-*Anzac Day*, il-laqgħa li tmiss, se ssir nhar il-Ġimgħa, **2 ta' Mejju, 2014,** fiċ-Ċentru Malti ta' Parkville, fis-7.30 pm. Il-membri kollha mistiedna li jġibu xi xogħol biex jinqara f'din il-lejla. Jekk jogħġobkom ippruvaw li tkunu hemm fil-ħin. Nixtiequ naraw aktar membri jattendu għal dawn il-laqgħat, għalhekk ħajru lill-membri tal-familja u lil ħbiebkom biex jiġu u jsiru membri tal-Grupp tagħna.

## IL-LAQGĦA TA' FRAR TAL-GLM



Il-laqgħa ta' Frar tal-Grupp Letteratura Maltija tal-Victoria, inżammet nhar il-Ġimgħa, 28 ta' Frar, fil-boardroom taċ-Ċentru Malti ta' Parkville. Numru sabiħ ta' membri attendew, filwaqt li kien hemm ukoll xi apoloġiji minn membri li ma setgħux jattendu. Wara xi diskussjonijiet, kien hemm il-qari minn xi membri. Il-President, Dr Victor Sammut, qralna tliet poeżiji mill-ktieb "Diwi fl-Ispazju" tal-Għaqda Poeti Maltin fl-okkażjoni tal-10 snin mit-twaqqif tagħha. Il-poeżiji kienu "Il-Buffu", "Il-Ħamiem tal-Barumbara" u "It-Tabib Xjenzat". Joe Camilleri qralna l-kitba tiegħu, "Riedu Jibqgħu Jgħixu Bħal Malta" u "Marta u Neriku Rebħu l-Ewwel Premju tal-Lotterija". Fl-aħħar inqraw żewġ poeżiji oħra, "Jien u l-Ilwien" ta' Toni Caruana u "Int Tajtna" ta' Alfred Caruana Ruggier. Bħas-soltu, fl-aħħar kien hemm xi rinfreskanti. Nixtiequ naraw aktar membri jattendu u forsi dawk li jħobbu l-Ilsien Malti u jixtiequ jingħaqdu ma' dan il-Grupp għandhom iċemplu lis-Segretarja, Rosemary Attard fuq 03 9338 3920.

***Ritratt: wara, mix-xellug għal-lemin: Dr Victor Sammut, Rosemary Attard, Salvina Vella, Charles Attard, Paul Vella. Quddiem, mix-xellug għal-lemin: Joe Camilleri, Joe Bonett, Frank Bonett, Tony Spiteri, Alfred Xuereb.***

## TNEDIJA TA' ŻEWĠ KOTBA



Fis-16 ta' Frar 2014, ġewwa l-lukanda *Excelsior* il-Belt Valletta, ingħaqdu grupp sabiħ ta' artisti minn kull qasam u ġew imnedija 2 kotba. Wieħed mill-kotba bl-isem ta' "Bejn il-Barrakka u l-Baviera" ta' Amanda Busuttil, Lina Brockdorff u Francis Galea. L-ieħor huwa antoloġija li fih kitbiet bil-Malti u bl-Ingliż bl-isem ta' "Kliem Infinit - *Unbroken Words*". F'din il-festa ta' talenti ingħaqdu wkoll Prof. Oliver Friggieri u Fr Norbert Ellul Vincenti li għamlu taħdita fil-programm tal-okkażjoni. Walter Micallef, il-kant-awtur Malti ta wkoll is-sehem tiegħu b'żewġ diski animati bil-kitarra. Is-Sinjorina Louise Mifsud ippreżentat il-programm. Ta wkoll sehem is-Sur Mark Abdilla, President ta' *The Writers Club*. Is-Sinjura Joyce Bonello, fundatriċi ta' *One for All and All For One*, tat is-sehem tagħha billi faħħret l-inizjattiva li mill-bejgħ ta' dawn il-kotba ser tinbena skola fil-Kenja. Inġabru Euro 700 b'risq il-Kenja waqt l-inizjattiva. Il-membri ta' *Vision Plus* li huma l-illustraturi, il-poeti u l-artisti tal-artiġġjanat irringrazzjaw lil Joseph Sultana li kien il-moħħ wara din l-inizjattiva b'risq il-karita'. Biex tikseb kopja ta' dawn il-kotba u tkompli tgħin f'din il-kawża altruwista żur is-sit elettroniku: www.josephsultana.com

# BARBECUE GĦALL-MEMBRI TAL-GLM



Nhar il-Ħadd, 9 ta' Marzu, ġie organizzat barbecue b'xejn għall-membri tal-Grupp Letteratura Maltija tal-Victoria. Dan, bħas-soltu, inżamm fuq il-proprjeta` tal-membri Frank u Draga Bonett, ġewwa Bulla. Madwar 34 membri attendew. Il-ġurnata kienet waħda daqsxejn sħuna b'temperatura ta' 32 deg C. Fost dawk preżenti kellna lill-Konslu Ġenerali ta' Malta fil-Victoria, is-Sur Victor Grech u s-Sinjura tiegħu, Patricia, kif ukoll lil Fr Carmel Adami, mssp. Waqt li kien qiegħed isir it-tisjir tal-laħam u z-zalzett minn Joe Lofaro u Charles Attard, il-membri l-oħra kienu qed jieħdu gost bil-mużika pprovduta minn Alfred Xuereb fuq is-synthesiser, Joe Gauci fuq il-kitarra u Joe Camilleri fuq il-perkussjoni. Dawn daqqew silezzjoni varja ta' mużika sabieħa u kanzunetti bil-Malti bħal, "Ix-Xemx", "Il-Bajja tal-Mellieħa" u "L-Aħħar Bidwi f'Wied il-Għasel" ma naqsux.

Wara li spiċċa t-tisjir, tqassam l-ikel, u ftit imbid aħmar u abjad ma naqasx lanqas.

Meta kulħadd kiel, kien wasal il-ħin għal ftit qari mill-membri, kemm xogħol oriġinali tagħhom u xogħol ta' poeti oħra.

Il-President, Dr Victor Sammut qralna proża tiegħu fuq is-snin li għamel f'Malta bħala tabib u kif emigra lejn l-Awstralja u kompla bil-professjoni tiegħu hawn. Manwel Cassar qralna żewġ poeżiji ta' Achille Mizzi, "Tal-Bigilla" u "Doctor Semperium". Wara qralna ftit limerikki li kiteb huwa stess. Imbagħad, it-tifla tiegħu, Bernadette, qratilna żewġ poeżiji bl-Ingliż. Fredu Cachia qara il-poeżija li kiteb ħuh, Mons. Lawrence Cachia, li kienet inqrat dan l-aħħar fl-anniversarju ta' Mikiel Anton Vassalli, "Lil Malta Indipendenti". Fredu Cachia qralna wkoll poeżija li kiteb fl-okkażjoni tal-mewt tan-neputi tiegħu, Philip Seracino Inglott ftit ilu, u din il-poeżija hu ddedikaha lil oħtu, Imelda Seracino Inglott, li tiġi omm Philip. Wara Fredu, Manwel Cassar qralna poeżija li Imelda Seracino Inglott kitbet, u nqrat fil-funeral ta' binha, Philip. Il-poeżija jisimha "This is Philip", xogħol sabieħ ħafna.

Il-poeżija "Kemm Xtaqt, inqrat mill-awtur tagħha, Frank Bonett. Dr Sammut qralna, jew aħjar, kantalna, poeżija li kien kiteb għal omm martu, Doris, "Lin-Nanna Salvina" filwaqt li l-aħħar qari sar minn Marie Louise Anastasi, fejn tatna żewġ poeżiji tal-Fundatur tal-Grupp, Dr Ġuże` Abela, "Qed Jimmarċjaw" u "Ejja Ħdejja".

Wara l-qari kulħadd qagħad jitkellem waqt li kulħadd kellu xi xarba f'idejh – għax kienet is-sħana!

Saret preżentazzjoni żgħira lil Frank u Draga Bonett bħala apprezzament li kull sena jilqgħuna għandhom għal dan il-barbecue. Grazzi lil Salvina Vella li organizzat ix-xiri tal-ikel u lil Rosemary Attard, Doris Sammut, Marie Louise Anastasi, Rose Lofaro u Salvina Vella għat-tqassim tal-ikel u t-tnaddif wara. Grazzi wkoll lil Joe Lofaro u Charles Attard li sajru l-laħam, u lid-daqqaqa, Joe Camilleri, Alfred Xuereb u Joe Gauci.

State Government Victoria
Department of Premier and Cabinet
OFFICE OF MULTICULTURAL AFFAIRS AND CITIZENSHIP
*Proudly supported by the Office of Multicultural Affairs and Citizenship*

BOV
**BANK OF VALLETTA p.l.c.**
*Uffiċċju Rappreżentattiv:*
**16 Watt Street, Sunshine 3020**
**Telephone: 9311-3222**






JEEP






# GAETANO KANTA: MILL-BALLUTA SAX-CHALET

Biex titfakkar il-kontribuzzjoni li Gaetano Kanta ta lix-xena tal-mużika popolari bil-Malti, li tagħha kien pijunier, il-familja tiegħu, inklużi n-neputijiet Gianluca u Dorothy Bezzina, tellgħu kunċert *live* b'rikonoxximent tal-wirt li ħalla f'dan il-qasam. Is-serata, imtella' f'kollaborazzjoni mal-Għaqda tal-Malti – Università u t-Teatru Salesjan, inżammet bil-ħsieb li sservi sabiex terġa' tingħata l-ħajja lil dawn il-kanzunetti, din id-darba b'libsa xi ftit aktar kontemporanja. Il-kunċert ittella' nhar l-Erbgħa, 19 ta' Marzu fit-Teatru Salesjan, f'Howard Street, Tas-Sliema. Id-dħul għall-kunċert, kien bl-invit. Din is-serata kienet appoġġjata minn dawn il-kontributuri: Ir-Rappreżentanza tal-Kummissjoni Ewropea f'Malta, JM Vassallo Vibro Blocks Ltd, Print Right Ltd, Sounds Good, Pac Man's Take Away, u Paul Target.

# L-EWWEL DARBA LI ĦASSEJTEK...

**Kitba ta' Charles Casha. Pubblikazzjoni: Kunsill Nazzjonali tal-Ktieb 2013 pp 125. Jinbiegħ €6**

Jason isir jaf li ommu qiegħda toħroġ ma' xi ħadd u din il-ħaġa tnissel fih rabja u dwejjaq. Aktar u aktar meta mingħand ħbiebu jinduna li wara kollox missieru ma kienx miet b'diżgrazzja fuq ix-xogħol imma kien hemm xi ħaġa li ma kienx jaf u li ommu u nanntu kienu ilhom jaħbu minnu. Meta Jason isir jaf il-veritá kollha mingħand ommu, huwa jinqata' minn ħbiebu, jeħodha kontra ommu u jgħaddi minn esperjenzi koroh u li setgħu wassluh f'tarf l-irdum. Imma fl-aħħar nanntu tgħidlu xi ħaġa li hu ma kienx jaf.

*Rumanz rebbieħ tat-tielet edizzjoni (2012) tal-Konkors Letterarju "Rumanzi għaż-Żgħażagħ" organizzat mill-Aġenzija Żgħażagħ u l-Kunsill Nazzjonali tal-Ktieb.*

# MILL-KEXXUN T'ISFEL **ta' Alfred Palma,** *Bronk Productions, 2013*




Din hija ġabra ta' 25 novella li tifrex fuq 173 paġna, li Alfred Palma kiteb bejn l-1960 u l-preżent. It-tul ta' kull novella jvarja minn bejn 3 paġni sa l-itwal waħda li ttul 11-il paġna. Ġeneralment l-istil huwa mexxej u b'hekk huma kollha kitbiet li tista' taqrahom f'nifs wieħed bla ebda diffikultà.

Lil Alfred Palma bosta jafuh bħala traduttur ta' xogħlijiet letterarji universali bħad-*Divina Commedia* ta' Dante Alighieri, id-drammi kollha u s-sunetti ta' William Shakespeare, ix-xogħlijiet ta' Oscar Wilde u Voltaire. Oħrajn jafuh bħala poeta u awtur tal-ġabra ta' poeżiji "Preludji" (1993). Issa, permezz ta' "Mill-Kexxun t'Isfel" Palma qed joħroġ għad-dawl kapaċità oħra minn tiegħu: dik tal-kitba tan-novelli jew stejjer qosra. Nagħlaq b'kumment li Palma stess jinkludi fil-Kelmtejn Qabel għall-ktieb: "Fil-ħajja tagħna jinbidel biss ix-xenarju; aħna ma ninbidlu qatt! U dan hu li minn dejjem xtaqt nesponi f'dawn il-kitbiet tiegħi: l-umaniżmu fir-rikkezza u fil-faqar tiegħu, fl-essenzjalità u fl-inutilità tiegħu, fl-illużjoni eterna ta' hena li l-umaniżmu jilbes tul ħajja sħiħa li tibqa' taħbi sal-aħħar it-traġedja li titwieled, tgħix u tmut miegħu!"

**— Patrick Sammut**

# PETALI F'WIĊĊ L-ILMA

'Il-Poeżija għixtha ħajti kollha iżda llum qed niktibha'! U tassew hekk għax f'temp ta' ftit xhur dan il-poeta minn Ta' Kerċem, l-avukat Alfred Grech qed jagħtina t-tieni antoloġija ta' poeżiji tiegħu li huwa għoġbu jlaqqam Petali f'wiċċ l-ilma. Il-poeta nduna li fil-mogħdija mqallba u ħafna drabi mnikkta tal-ħajja, huwa kien qed jgħix il-Poeżija u llum qed jiddistilla l-esperjenza ta' ħajtu fuq il-karta stampata. Il-poeta jistqarr li l-Poeżija toħroġ waħidha mingħajr it-tqanżiħ, mingħajr skużi jew apoloġiji. Hija l-istqarrija tal-fidi tiegħu, l-istqarrija tal-verita' kif jafha hu, kif fehemha hu u kif qed jaraha mill-angolu jew mil-lenti mnejn qed iħares. Alfred Grech jikteb il-Poeżija għaliex iħoss li ma hix xi ħaġa ta' kuljum għalkemm aktarx li jħossha kuljum, għaliex jistħoqqilha li tibqa' mfakkra, għax mhix frivola, għaliex titla' u togħla 'l fuq minn dak li hu mistenni jew mit-tbassir ta' kuljum. Għandha mis-sorpriża, taf toħroġ barra miż-żmien u l-ispazju, u tilħaq l-infinit, tilħaq l-etern, hi, li fit-tkasbir twieldet u ssawret. Parti minn dil-verita' nsibuha f'silta mill-poeżija tiegħu Din l-għanja li ngħannilek mhix tas-soltu

Din l-għanja li xtaqt ngħanni baqgħet siekta
Għal ħafna snin, u dan mhux biex niftaħar,
Għax karta ma kellix fuqiex inħażżeż
U hekk ħallejtha tgħum fuq wiċċ il-baħar.

U jista' jkun ukoll li jien imdawwar,
Minn min mhuwiex qed jagħraf dar-rigali,
Minn min qed jakkużani u jidħak bija,
Jew qiegħed ngħix fi żmien ta' bla sinjali.

Fid-Daħla li għamel għal dan it-tieni ktieb tiegħu, l-avukat Alfred Grech jagħti elf definizzjoni ta' x'jifhem bil-kelma 'Poeżija'. Huwa jsostni li l-Poeżija hija l-ilsien tar-ruħ, il-lingwaġġ li bih titkellem filwaqt li tiskappa mir-rutina ta' kuljum, mill-medjokrita' ta' dak li jissejjaħ 'normali', mir-ripetizzjoni li tissejjaħ stabilta' u mill-mad-mad ta' serħan il-moħħ. Il-Poeżija tistaqsi, qatt ma hi bi kwietha u ma taċċettax dak li hu apparenti, dak li għal kulħadd jgħaddi, għax kulħadd hekk qed jagħmel. Il-Poeżija tirrifletti l-univers kaotiku li fih qed ngħixu, li fl-estremitajiet tiegħu, iżda, jaf joħroġ is-sabiħ, l-ordni. Fil-Poeżija joħroġ il-kuntrast, il-kuntradizzjoni li hu l-ist-ess bniedem, kif ukoll il-mistoqsija, li hija l-mistoqsija tal-ħajja. Il-Poeżija, jissokta jgħidilna l-awtur, hija talba ta' ruħ li qiegħda tfittex lil seħbitha. Hija toħloq mill-ġdid dak li diġa jeżisti u tagħtih isem ġdid jew isem ieħor;

tagħtih lewn isbaħ milli għandu u issa sar jingħaraf. Il-Poeżija hija filosofija u l-poeta u l-filosofu għandhom minn ta' xulxin. Il-Poeżija hija taħdita b'ritmu mhux tas-soltu, għanja waqt taħdita, u taħdita waqt l-għana, hija għanja mingħajr mużika.

Il-Professur Oliver Friġġieri jirrimarka li din it-tieni antoloġija ta' Alfred Grech tingħaqad minnha nnifisha max-xogħlijiet l-oħra tal-poeta u tixhed li hemm unita' kemm tematika u kemm formali, b'mod li l-poeżiji varji jintisġu flimkien bħala element ta' opra waħda. Din hi kwalita' meħtieġa ħafna biex fl-aħħar mill-aħħar turi li l-versi ta' Alfred Grech huma l-prodott ta' maturita' fil-ħsieb (bħala memorja u immaġinazzjoni) daqskemm huma r-riżultat ta' maturita' fit-tħaddim tal-kelma. U allura bl-istess prodezza tematika u maturita' teknika, Dr Alfred Grech jissokta hawnhekk ukoll fil-vjaġġ liriku tiegħu, immexxi minn punti ta' riferiment li huma tassew stabbli; l-għarfien tiegħu nnifsu, ir-relazzjoni intensa mal-ambjent, ir-rakkontar tal-ħajja bħala suġġett ta' riflessjoni mnissla mill-kweżiti li ġġib magħha l-esperjenza. Huwa dejjem il-poeta tal-kuntest li jinsab fih, bix-xejriet kollettivi daqskemm individwali tiegħu, imma fil-fehma ta' Profs Friġġieri, huwa wkoll l-għannej tat-tiġrib personali, tiġrib li fl-immaġinattiva tal-poeta, isir spunt għal meditazzjonijiet li issa jiksbu rilevanza wisq usa milli qatt kellhom bħala paġni minn eżistenza ta' għadd ta' snin u ċirkustanzi.

U biex inżid norbot ma' dak li qed jgħid dan il-kritiku letterarju u fl-istess ħin intemm dan l-apprezzament tiegħi, se nislet parti mill-poeżija Jien nista' nistaqsik




Jien nista' nistaqsik għal kemm-il darba
Filwaqt li ġewwa moħħi bdiet taħdita;
Ma niftakarx x'kont liebsa meta ltqajna
Xufftejk niftakar iebsa daqs ħadida.

Jien nista' nkun xi ħadd li qed jittama,
U nerġa' nistaqsik għal kemm-il darba,
U nfittex ħalli nilmaħ dawl inemnem,
Mit-toqol ta' dal-jum jien naħrab ħarba.

Jien nista' ma nemminx 'mma lilek nemmnek
U għalhekk qed nistaqsik fejn inti qiegħda,
Kull xħin id-dlam tal-lejl hu fl-aqwa tiegħu,
Idejja mmattar nara intix imbiegħda.

L-antoloġija 'Petali f'wiċċ l-ilma' hija stampata għand l-A&M Printing Ltd tal-Qala u għandha disinn tal-qoxra ta' George Mario Attard, b'dedika lill-ġenituri tal-poeta b'ħajr lil Dun George Mercieca u Josette Pace. Nemmen li l-kotba tal-Poeżija qatt ma kellhom suq tajjeb u bosta drabi l-awtur jispiċċa jitlef il-flus; il-poplu tagħna nieqes mill-kultura tal-qari u hemm bżonn li lil uliedna nħajruhom jaqraw u jiffrekwentaw il-librerija. Imma min tassew għandu għal qalbu d-dinja tal-Muża m'għandux joqgħod lura milli jikseb kopja ta' Petali f'wiċċ l-ilma għax żgur ma jiddispjaċihx jaqra l-ħsus u l-ħsebijiet ta' dal-poeta li deher fix-xena letterarja minn xi ftit tas-snin 'l hawn; ngħid għalija jien dejjem niftakru mgħaddas fil-kotba tal-Liġi u tiela u nieżel il-Qorti. Tgħid illum x'jippreferi! Jittanta lil Muża jew jiddefendi xi proxxmu! Jiena naħseb li irnexxa fit-tnejn.

***— Kav Joe M Attard, Victoria, Għawdex***

# TARA HIJA L-*JUNIOR HIGHPOINT CHAMPION FOR 2013*

Ħaġa sabiħa li nifirħu u nammiraw liż-żgħar tagħna meta jagħmlu suċċess fil-ħajja tagħhom.

Meta konna għand Frank and Draga Bonett, f'Bulla, għall-barbecue tal-Grupp Letteratura Maltija tal-Victoria, iltqajna maċ-ċkejkna Tara, li tiġi n-neputija (*granddaughter*) ta' Frank u Draga. Melita, omm Tara, tiġi t-tifla ta' Frank u Draga.

Aħna nafu li l-membru tagħna, Frank, dejjem kellu interess u mħabba kbira għaż-żwiemel. Bintu, Melita, kibret f'dan l-ambjent u l-interess tagħha fiż-żwiemel ma naqasx. U issa, Tara, ta' 7 snin, ma naqsitx li timxi fuq il-passi tagħhom.

Tara rebħet it-titlu ta' Junior Highpoint Champion for 2013 fl'Oaklands Pony Club, meta kkompetiet ma' għadd ta' kompetituri oħra fil-kategorija ta' Taħt it-12-il sena. Tara ingħatat punti f'diversi eżamijiet, kemm fuq il-ħila tagħha u dak tal-pony, li jismu 'Mate'. Tara irċeviet terħa, girlanda ta' fjuri u midalja meta ġiet l-ewwel fis-sezzjoni tagħha.

F'isem il-kumitat u l-membri tal-Grupp Letteratura Maltija, nifirħu lil Tara u nixtiequlha aktar suċċessi għall-ġejjieni.



**Tara flimkien mall-*pony* tagħha, *"Mate"***

# IL-ĦAJJA TA’ MIKIEL ANTON VASSALLI F’200 PAĠNA



Prof. Frans Ciappara




Magħruf minn kulħadd bħala ħassieb u riformatur, daqskemm bħala ribell u studjuż. Dawn l-aspetti ġew trattati fil-bijografija M.A. Vassalli (1764-1829) *An enlightened Maltese reformer*, miktuba mill-Professur Frans Ciappara. Fid-dawl taċ-ċelebrazzjonijiet tal-250 sena mit-twelid ta’ dan il-personaġġ, saret it-tnedija ta’ din il-bijografija fil-Palazz ta’ Sant’Anton nhar il-5 ta’ Marzu 2014, f’jum twelidu. Intant, Prof. Ciappara tkellem ma’ *inewsmalta.com* biex joħroġ xi wħud mill-punti ewlenin li nkitbu f’din il-bijografija.

“Vassalli kien imsaħħar b’kemm il-lingwa Maltija kienet qadima u sabiħa u kien iqis l-ilsien Malti bħala simbolu ewlieni tal-kultura tagħna”. Niseġ grammatika u dizzjunarju Malti li għadhom magħrufa sal-lum… Ma kienx jinteressah biss kif kien mibni l-Malti. Kien jinteressah ukoll li jara l-Malti bħala għodda f’idejn in-nies. Jibqa’ mfakkar għall-ħsieb oriġinali tiegħu, jiġifieri l-proġett tal-iskejjel madwar Malta. Dan tal-aħħar kien importanti għax f’dak iż-żmien kien hemm injuranza kbira.

“Għal Vassalli l-edukazzjoni kienet dritt tat-tfal kollha u kellha tingħata mingħajr ebda ħlas. Għalih it-tagħlim ma’ kellux ikun relatat mal-klassi soċjali tat-tfal. Kellha tkun biss l-inklinazzjoni tat-tfal li tiddetermina l-futur tagħhom. Dawn l-iskejjel kellhom ikunu differenti minn dawk tal-passat. Kellu pjan ta’ edukazzjoni b’sistema edukattiva immirata għad-dinja ta’ dak iż-żmien li kienet tipprepara lill-istudenti bħala membri attivi tal-komunità. Vassalli ppropona biex jiġu mgħallma l-aritmetika, is-snajja’ u x-xjenzi, fost l-oħrajn”.

Ciappara spjega kif dawn l-iskejjel li kien qed jipproponi Vassalli ma kellhomx ikunu mmexxija mill-kleru. Imma jekk fil-proġett ta’ Vassalli l-knisja ma kienx se jkollha sehem, kellha r-responsabbilità li tipprovdi l-iskejjel u l-finanzi. L-għadd ta’ kappelli mxerrda mal-gżira kellhom iservu ta’ klassijiet filwaqt li dan il-proġett kellu jkun iffinanzjat mill-benefatturi li kienu numerużi. Fil-knejjes kellhom ukoll jitpoġġew kaxxi tal-flus biex il-fidili jitfgħu d-donazzjonijiet tagħhom. “Vassalli kien stqarr li: uliedna kienu jibqgħu jafuhulna”, kompla jgħid Ciappara.

Vassalli kompla billi qal li l-Malti ma kellux ikun biss l-għodda tat-tagħlim imma kellu jkun ukoll l-ewwel lingwa mgħallma, lingwa li setgħet issaħħaħ il-kuxjenza nazzjonali. Għal Vassalli, il-lingwa kienet l-aktar fattur li jiddistingwi lil poplu Malti.

“Minkejja l-isforzi ta’ Vassalli, dan il-programm ma kienx twettaq”, qal Ciappara.

Vassalli kellu żgħożija infeliċi. Kien tilef lil missieru ta’ sentejn, filwaqt li missieru tar-rispett, sofra l-ħabs tal-Inkwiżitur fuq dejn. Dan l-inċident ħalla marka fuqu tant li din it-tbatija psikoloġika biddlitu f’rivoluzzjonarju. “L-orfni li kien iġorr l-istigma tal-ħabs ried jivvendika ruħu minn soċjetà retrograda.”

Ciappara fakkar kif Vassalli ma kienx l-uniku bniedem li ħaseb fl-identità ta’ Malta. Hemm personalitajiet oħrjan bħal Iniazio Saverio Mifsud, De Soldanis, Testaferrata u Ġan Nikol Muscat, li taw imbuttatura kbira lin-nazzjonalità Maltija. Dan ifisser li apparti Vassalli kien hemm nies oħrajn li kellhom l-idea ta’ Malta bħala stat indipendenti.

Eżiljat...għax kienu jqisuh traditur: waqt li Vassalli kien qed jippubblika l-aħjar kotba tiegħu, Malta kienet għaddejja minn taqlib politiku kbir. Fi ftit snin għaddiet mill-ħakma tal-Kavallieri għal taħt il-Franċiżi u spiċċat taħt l-Ingliżi.

Vassalli kellu fiduċja kbira fil-Franċiżi għax kellu għal qalbu l-prinċipji tar-Rivoluzzjoni Franċiża. Vassalli spiċċa arrestat wara li nkixfet konfoffa kontra l-Kavallieri. Napuljun ħelsu wara li ħa lil Malta f’idu. Fi żmien il-Franċiżi reġa’ spiċċa l-ħabs wara li r-raħlin u l-Ingliżi bdew jissuspettaw fih għax kien simpatizzant tal-Franċiżi. Il-Maltin kienu jqisuh traditur u l-Ingliżi eżiljawh.

Vassalli reġa’ ġie lura mill-eżilju wara 19-il sena. “Kompla fejn ħalla qabel mal-politika irvinatu”, qal Ciappara. “Għen lill-missjunarji Protestanti fil-proġett tagħhom tal-edukazzjoni. Ittraduċa l-vanġeli u l-Atti tal-Appostli li kienu jintużaw bħala kotba għall-iskejjel biex it-tfal jitgħallmu jiktbu u jaqraw bil-Malti. Ta’ dan patta qares għax meta miet, il-kappillan ta’ San Pawl tal-Belt ried jidfnu f’qabar mhux imbierek. Kien għalhekk li sħabu l-Protestanti difnuh fiċ-ċimiterju tagħhom.”

Vassalli dam għal ħafna snin minsi u kien biss meta Ninu Cremona ppubblika l-ewwel tagħrif fuqu li beda jiġi riabilitat bħala missier l-ilsien Malti.

Aneddotu ta’ dari: Vassalli twieled fl-era tal-Ordni ta’ San Ġwann. “Filwaqt li l-politika tal-pajjiż kienet f’idejn il-Kavallieri, il-parroċċi kienu f’idejn in-nies. Għalkemm il-Kappillan kien jaħseb li hu l-‘għarus’ tal-Knisja, in-nies kienu jippretendu li jmexxu huma għax kienu bnewha u kull ħaġa li kien hemm fiha kienet tagħhom. Meta l-kappillan ma kienx jaqbel mal-paroċċani kienu jeħduha miegħu”.

Fost ix-xogħlijiet ta’ Vassalli nsibu: Ir-regoli tal-Malti f’Alfabet Malti Mfysser byl Malti u bit-Taljan (1790) Il-grammatika f’Mylsen Phoenico-Punicum sive Grammatica Melitensis(1791) Dizzjunarju ta’ tmintax-il elf kelma Ktyb yl Klym Malti Mfysser byl-Latin u byt-Taljan Fl-1827 – it-tieni edizzjoni tal-grammatika: Grammatica della Lingua Maltese

Ġabra ta’ 863 qawl: Motti, aforismi e proverbii maltesi

*iNews*, il-Ħadd, 2 ta’ Marzu, 2014

***Grazzi lil Joe Borg, Segretarju, Akkademja tal-Malti għal dan it-tagħrif.***